**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A19-13

29 t' Awwissu 2013

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/19</u>**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-**Tlieta 3 ta'Settembru 2013 fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' l-*Active Ageing Centre*
6. Affarijiet Oħra
7. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**7 t' Ottubru 2013**

**Seduta Nru: 19 - KUNSILL LOKALI GŻIRA**

Minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 3 ta' Settembru 2013 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrativ tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

**Is-Sinjuri:**

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John, Joseph M. Muscat u Victor Rutter flimkien ma' l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl-20 t' Awwissu 2013

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

Iċ-*Chairman* informa li l-mozzjoni Nru: Klg6/04 – *Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Streaming tal-laqgħat on-line* li kellha tiġi diskussa fil-laqgħa preċedenti b'dis vista ma ġietx diskussa. Għaldaqstant, iċ-*Chairman* ta' spjegazzjoni dwarha fejn fost affarijiet oħra kienet tikkonċerna dwar finanzi lill-Kunsill mill-Gvern Ċentrali għall-ispejjeż li jsiru bl-i*streaming* tal-laqgħat.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Numru 19 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

## 2. Materji Konnessi

**2.1 Paġna Nru: 2 para 2.2 –** dwar l-*outdoor gym equipment,*il-Kunsill qabel unanimament b.mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John kemm mal-pjanta ta' kif kien ser isir ix-xogħol li ġiet ppreżentata mill-Viċi-Sindku kif ukoll, għan-nefqa ta' €1,490.25.

Il-Kunsill ġie nfurmat li ċ-*Chairman* għandu jagħmel *follow up* tal-laqgħat li kienu saru mad-ditta *WH Works, Brasilia Kiosk* u mal-*Head Office* tal-*BO.V.*

**2.2 Paġna Nru: 2 para 3.2** – Cit. Nru: 1549/01 GV Direttur tad-Dipartiment tal-Bini u Inġinerija vs Emanuel Zarb – matul id-diskussjoni li saret fejn il-Kunsillier Joe Camilleri qal li fi żmien il-leġislatura l-oħra kien sar xi ftehim mal-Kunsill, ġie deċiż li għandha ssir riċerka dwar din il-materja.

**2.3 Paġna Nru: 2 para 2.5** – Il-Kunsillier Charles Micallef St John qal li l-Kunċert kien suċċess u rringrazzja kemm lill-Kumitat tal-Banda Mount Carmel kif ukoll ix-xogħol kollu li sar mill-Kunsill.

**2.4 Paġna Nru: 2 para 2.6 – Proposta ta' Bdil ta' dawl fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa –** wara d-diskussjoni li saret kemm waqt il-laqgħa kif ukoll fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill qabel unanimament li għandha nissottomettu applikazzjoni għall-fondi mill-*U.I.F.* fuq l-istima tal-kuntrattur preżenti.

**2.5 Paġna Nru: 4 para 3.11 –** Iċ-*Chairman* reġa' spjega x'kienu r-raġunijiet l-għala l-Kunsill kien ta' l-opinjoni li l-attivita' – *marathon water – treading of 60 hours day and night* kellha jew tiġi postposta jew issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tas-Sliema jew mal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala minħabba l-fatt li din mhix żona uffiċjali għall-għawm.

**2.6 Paġna Nru: 5 para 7.2 –** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-mera fi Triq Carlo Manche' (*upper*) kantuniera ma' Triq Moroni faċċata ta' Triq Bouverie kienet ġiet installata.

**2.7 Paġna Nru: 5 para 7.3 –** Matul id-diskussjoni li saret dwar it-*traffic calming measure* fi Triq Ponsonby, ġie deċiż li din ma ssirx u dan minħabba l-fatt li kemm il-Perit tal-Kunsill kien ta' din l-opinjoni kif ukoll li fil-post ta' fejn kienet ser issir kien hemm tlett *manholes* tad-ditta *GO.*

**2.7.1** Fir-rigward tat-*traffic calming measure* ta' Triq Carlo Manche', il-Kunsillier Charles Micallef St. John issuġġerixxa li l-*parking* għandu jsir fuq in-naħa l-oħra tat-triq filwaqt li l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu fi Triq Ponsonby fil-kantuniera ħdejn il-*London Butcher* għandha ssir *build out* biex l-ilma tax-xita jiġi devjat mit-Triq Carlo Manche'.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel li nikkomunikaw mal-Perit tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni.

**2.8 Paġna Nru: 6 para 7.4 –** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet ser tinħareġ l-*Expression of Interest* tal-*magazine* tal-Kunsill.

**3. Korrispondenza**

Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-3 ta' Settembru 2013, kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

**3.1** Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom

**3.2** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ammont ta' l-i*Statement of Funds* mill-*U.I.F.* kien ta' €438.266.

**3.3** Iċ-*Chairman* informa li kienu ntbagħtu l-minuti tal-laqgħa li kienet saret fis-6 t'Awwissu 2013 ma' rappreżentanti tal-*MEPA* dwar il-Pjan Lokali. Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li għandha ssir laqgħa ad hoc it-Tlieta 10 ta' Settembru 2013 fil-11.00 a.m. fl-Uffiċċju tal-Kunsill biex tiġi diskussa din il-materja. Kopja ta' dawn il-minuti flimkien mal-minuti tal-Kunsill għandhom jingħataw lill-membri tal-Kunsill. Ġie deċiż ukoll li l-Perit tal-Kunsill għandu jkun preżenti għal din il-laqgħa.

**3.4** Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Viċi-Sindku dwar xogħlijiet li kienu qed isiru fin-naħa t'isfel fi Triq Belvedere mit-*Transport Malta* sabiex ikun jista' jerġa' jibda jopera s-servizz tat-Trasport Pubbliku.

Il-Viċi-Sindku qal, li l-Kunsill la kien ġie nfurmat b'dawn ix-xogħlijiet u lanqas ma kienu ntbagħtu pjanti. Huwa kompla jgħid, li wara li kien għamel *site inspection* fejn irriżulta li kienet ser titneħħa *parking bay* kien ikkonsulta mal-Perit Matthew Briffa u l-kuntrattur fejn dawn baqgħu jinsistu anke fil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill li għandhom ikomplu x-xogħol skont il-pjanta. Il-Perit tal-Kunsill pprova jagħmel kuntatt ma' Audrey Testaferrata de Noto – Perit *Transport Malta* iżda ma kellu ebda risposta. Madankollu, l-Perit tal-Kunsll kien ser jieħu l-azzjoni neċessarja u jinforma lill-Kunsill.

**3.5** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Erbgħa u l-Ħamis, 11 u 12 ta' Settembru 2013, kien ser isir *Seminar* fil-*Hotel Phoenicia* dwar *Project Development Workshop V.18 Valletta*.

**3.6** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku mal-kwotazzjoni tat-tindif tal-*culverts* mill-kuntrattur *J&K Contractors Ltd* għall-ammont ta' €1,800 VAT inkluża.

**3.6.1** Inqrat ittra mibgħuta mibgħuta mis-Sur Joseph Muscat għan-nom tar-residenti ta' 124, 125, 126 Triq ix-Xatt dwar *culvert* ibblokkjat li qiegħed sotterrat quddiem dan il-blokk bil-konsegwenza illi l-ilma tax-xita jidħol f'din il-propjeta' u jikkawża kemm fil-garaxx u l-*lift* xafts.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qal li hemm bżonn li jiġu kostruwiti *culverts* ġodda li jisbukkaw fil-baħar iżda l-Kunsill mhux responsabbli mill-kostruzzjoni iżda mit-tindif u l-manutenzjoni tal-*culverts*.

**3.7** Il-Kunsill qabel unanimament li t-talba li tressqet minn resident sabiex isiru *yellow lines* faċċata tal-garaxx tiegħu għandha tintbagħat għall-attenzjoni tat-*Transport Malta*.

**3.8** Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta li ntbagħtet mis-Sur Frans Mifsud dwar *management* tal-problema tal-ħamiem li għandna fil-lokalita'

**3.9** Inqrat korrispondenza mibgħuta minn persuna li tgħejx l-Ingilterra. Waqt btala li kienet qed tagħmel Malta, din il-persuna waqgħet fi Triq Bouverie k/ma Triq ix-Xatt u kisret idejha u għalhekk kellha tinżamm għal xi jiem l-isptar Mater Dei. Din kienet qed titlob kumpens mill-Kunsill għall-ispejjeż relatati ma' l-inċident.

Il-Viċi-Sindku qal li fiż-żmien li sar l-inċident kienu qed isiru xi xogħlijiet mid-ditta *Vodafone*.

Il-liġi tesiġi li l-kuntrattur hu responsabbli ta' tabelli meħtieġa kull fejn ikun qed isiru x-xogħlijiet.

Wara diskussjoni qasira, l-Viċi-Sindku ha l-inkarigu li jinvestiga eżatt fejn kien sar l-inċident u minn kien qed jaħdem fuq il-post dak iż-żmien.

**3.10** Iċ-*Chairman* qal li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg6/19 minn numru 806 sa 845 (ara *appendix* nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopracitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-KunsillierJoe Camilleri.

## 5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' l-*Active Ageing Centre*

**5.1** Iċ-*Chairman* informa li hu kellu xi laqgħat u kienet saret żjara fil-lokalita' minn Uffiċjali mill-Ministeru għall-Familja u Soledarjeta Soċjali dwar korrispondenza li kienet intbagħtet mill-Kunsill għall-approvazzjoni ta' *Day Care Centre* fil-lokalita' fejn irriżulta li s-sala tal-Kunsill ma kienitx addattata għal dan il-għan.

Huwa kompla jgħid, li dak in-nhar stess jiġifieri fit-3 ta' Settembru 2013 kienet saret laqgħa mal-membri tas-Sotto-Kumitat ta' l-Anzjani fejn ġie spjegat lilhom *policies* ġodda tal-Ministeru u r-rowl tagħhom f'dan iċ-Ċentru li ser ikun jismu *'Active Ageing Centre'*. Dak in-nhar hu, l-membri tas- Sotto-Kumitat u Uffiċjali mill-Ministeru kienu iltaqgħu u żaru d-*Day Care Centre* liema post ġie aċċettat, kien ser ikun proġett pilota, kienu ser jiġu mpjegati tlett *full timers* – Kordinatur u żewġ *carers* għall-spejjeż tad-Dipartiment u l-ħinijiet kienu ser ikunu mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-7.45 a.m. sa l-4.00 p.m. u jekk tkun suċċess il-ħin jitwal sas-7.00 p.m.

Huwa kien qed jipproponi li għandu jerġa' jibda jintuża l-*Activities Centre* u għaldaqstant għandu jsir kuntatt mas-sid sabiex jiġedded il-kuntratt. Huwa kompla jgħid li jrid isir xi *upgrading* fil-post għaliex il-kċina trid tingħalaq, iridu jinbidlu l-imwejjed, isir uffiċċju żgħir għal min ikun qed jieħu ħsieb u *television room.*

Matul id-diskussjoni li saret fejn fost affarijiet oħra, l-Kunsillier Joe Camilleri ssuġġerixxa li l-*lift* jibda jingħata *service* u jibqa' jingħata kull tlett xhur.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' l-informazzjoni li ta ċ-*Chairman* u l-ispejjeż meħtieġa b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Vincenza Attard.

## 6. Affarijiet Oħra

**6.1** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joseph M Muscat li għandu jitneħħa t-tapit li jiksi l-art tal-Librerija u minflok jitpoġġa madum.

**6.2** Il-Viċi-Sindku ta' rendikont tal-każ li kien seħħ ftit ġranet waqt funeral u dan minħabba l-fatt li x-xuffier tal-*hearst* wara li kulħadd kien daħal il-Knisja flok ipparkja fil-*un/loading* li hemm apposta għat-tiġijiet u funerali baqa' f'nofs tat-triq b'konsegwenza tal-fatt, li nħolqot konġestjoni tat-traffiku. Huwa kompla jgħid, li meta mar ikellmu, x-xuffier fost ħafna għajjat anke refa' idejħ fuqu u għalhekk kien għamel rapport l-Għassa u nforma lill-Kunsill.

Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li għandha ssir laqgħa mal-Kappillan u tiġi diskussa din il-problema.

**6.3** Il-Viċi-Sindku nforma dwar il-vagabond li hemm fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa u li għalkemm il-Kunsill kien rraporta lill-Pulizija u dawn ta' l-aħħar kienu wkoll preżenti waqt il-ġbir ta' l-iskart li dan il-vagabond kien ġabar mill-kuntrattur tal-Kunsill, xorta waħda din il-problema għada tippersisti.

Iċ-*Chairman* qal li hu wkoll kien sar jaf b'dan il-każ u kien ċempel lill-iSpettur Sultana sabiex issir l-investigazzjoni neċessarja iżda kompla jgħid, li jekk dan l-aġir jerġa' jirrepeti ruħu l-Kunsill għandu jgħarraf lil-iSpettur sopracitat peress li dan huwa diġa' nfurmat bil-każ.

## 7 Laqgħa Oħra

**7.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m. u ġiet aġġornata għall-1 t' Ottubru 2013 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/19**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/19 - 03.09.2013** **Data:** **08.08.2013 - 03.09.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Melita plc | €286.93 | €286.93 | D | Usage and Internet 08.07.2013 - 07.08.2013 | 08.07.2013 | 34354535 | 806 | | | 8461 |
| 2 | A.V.C Co. Ltd | €165.79 | €165.79 | Q | Road Marking Paint | 13.08.2013 | 001032 | 807 | | | |
| 3 | Borg Hardware Store | €13.30 | €13.30 | D | Maint Locality | 12.08.2013 | 117 | 808 | | | |
| 4 | Borg Hardware Store | €19.50 | €19.50 | D | Maint Locality | 23.08.2013 | 118 | 808 | | | |
| 5 | Borg Hardware Store | €82.00 | €82.00 | D | Maint Locality | 23.08.2013 | 119 | 808 | | | |
| 6 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | Street Sweeping on Sundays - July 2013 | 07.08.2013 | 13/3034 | 809 | | | |
| 7 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | S/Sweeping &G/Cutting July 2013 | 07.08.2013 | 13/3035 | 810 | | | |
| 8 | SRF Cleaning Services | €93.17 | €93.17 | T | Cleaning & S/Sweeping during Feast | 07.08.20130 | 13/3040 | 811 | | | |
| 9 | SRF Cleaning Services | €153.40 | €153.40 | T | Washing of H/Estate area - 04.07.2013 | 05.08.2013 | 13/3031 | 812 | | | |
| 10 | SRF Cleaning Services | €277.30 | €277.30 | T | Washing of H/Estate & Gazebos 27.07.2013 | 07.08.2013 | 13/3036 | 813 | | | |
| 11 | ARMS Ltd | €130.00 | €130.00 | D | Elec Mtr for Attivita' 30.08.2013 | 19.08.2013 | | 814 | | | 8501 |
| 12 | Enemalta | €95.17 | €95.17 | D | Balance due re Christmas Lights | 06.08.2013 | | 815 | | | |
| 13 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €3,470.42 | D | Allocated MSW Waste - July 2013 | 16.08.2013 | 039062 | 816 | | | |
| 14 | Alfa Co. Ltd | €65.08 | €65.08 | D | Rent 13.06.2013 - 31.07.2013 Less C/N 31000027 | 01.07.2013 | 30003919 | 817 | | | |
| 15 | Alfa Co. Ltd | €35.00 | €35.00 | D | Rent 01.07.2013 - 31.07.2013 | 01.07.2013 | 30003920 | 817 | | | |
| 16 | Office of Attorney General | €1,235.32 | €1,235.32 | D | Cit Nru 1549/01GV - Dip tal-Bini vs Em Zarb | 20.08.2013 | AG1435/01 | 818 | | | 8496 |
| 17 | GO plc | €69.81 | €69.81 | D | Tel 334254/341034 calls July Rent August 2013 | 14.08.2013 | 34001199 | 819 | | | |
| 18 | GO plc | €22.29 | €22.29 | D | Te 341616 Calls July Rent August 2013 | 14.08.2013 | 34001203 | 820 | | | |
| 19 | GO plc | €73.39 | €73.39 | D | Tel 21322157 Calls July Rent August 2013 | 14.08.2013 | 34001691 | 821 | | | |
| 20 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €284.76 | €284.76 | T | Traffic Signs & Mirrors job No: 9853 | 08.08.2013 | 18334 | 822 | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€12,133.97** | **€11,540.00** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€12,133.97** | **€11,540.00** | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgha Klg6/19 - 03.09.2013** **Data:** **08.08.2013 - 03.09.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Koperattiva Tabelli u Sinsjali | €193.98 | €193.98 | T | Road Markings job No: 12492 | 13.08.2013 | 18367 | 823 | | | |
| 22 | Koperattiva Tabelli u Sinsjali | €104.31 | €104.31 | T | Road Markings job No: 12493 | 13.08.2013 | 18368 | 824 | | | |
| 23 | Koperattiva Tabelli u Sinsjali | €173.82 | €173.82 | T | Road Markings Job No: 12495 | 14.08.2013 | 18370 | 825 | | | |
| 24 | Koperattiva Tabelli u Sinsjali | €74.13 | €74.13 | T | Road Markings Job No: 12496 | 14.08.2013 | 18371 | 826 | | | |
| 25 | Koperattiva Tabelli u Sinsjali | €148.40 | €148.40 | T | Road Markings Job No: 12499 | 20.08.2013 | 18374 | 827 | | | |
| 26 | Koperattiva Tabelli u Sinsjali | €106.37 | €106.37 | T | Road Markings Job No: 12500 | 20.08.2013 | 18375 | 828 | | | |
| 27 | Melita plc | €268.35 | €268.35 | D | Usage 27013021 & Internet 08.08.2013 - 07.09.2013 | 08.08.2013 | 34506742 | 829 | | | 8508 |
| 28 | EM Cleaning Services | €5,590.50 | €5,590.50 | T | Door to Door Collection - August 2013 | 30.08.2013 | 89 | 830 | | | |
| 29 | EM Cleaning Services | €432.87 | €432.87 | T | Skip Hire - August 2013 | 30.08.2013 | 90 | 831 | | | |
| 30 | EM Cleaning Services | €836.06 | €836.06 | T | Public Convenience - August 2013 | 30.08.2013 | 91 | 832 | | | |
| 31 | EM Cleaning Services | €1,018.17 | €1,018.17 | T | Bulky July - 186 Calls | 30.08.2013 | 92 | 833 | | | |
| 32 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | Q | Craft Lessons - August 2013 | 30.08.2013 | 46 | 834 | | | |
| 33 | Nathalie Camilleri | €184.14 | €184.14 | D | Librarian 14.08.2013 - 31.08.2013 | 30.08.2013 | 1 | 835 | | | |
| 34 | Gzira United Football Club | €8,000.00 | €8,000.00 | D | Fourth Annual Contract Training Ground | 30.08.2013 | | 836 | | | 8507 |
| 35 | Commissioner of Police | €152.36 | €152.36 | D | Police Extra Service | 26.08.2013 | | 837 | | | 8506 |
| 36 | Digital Magic Co. Ltd | €135.00 | €135.00 | D | Public Address System | 24.08.2013 | | 838 | | | |
| 37 | Gino Chair Hire | €224.20 | €224.20 | D | Hiring of Chairs | 23.08.2013 | | 839 | | | |
| 38 | Sean Aquilina | €175.00 | €175.00 | D | Filming | 28.08.2013 | | 840 | | | |
| 39 | Kumitat Festi Esterni | €250.00 | €250.00 | D | Servizz ta' Armar | 28.08.2013 | | 841 | | | |
| 40 | Mediterranean Ins. Brokers | €167.33 | €167.33 | D | Insurance cover | 27.08.2013 | | 842 | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€18,609.99** | **€18,609.99** | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€12,133.97** | **€11,540.00** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€30,743.96** | **€30,149.99** | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/19**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/19 - 03.09.2013** **Data:** **08.08.2013 - 03.09.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | MITA | €24.84 | €24.84 | | D | e-mail accounts April to June 2013 | 27.08.2013 | SIN028645 | 843 | | | |
| 42 | Image Systems | €64.85 | €64.85 | | D | Copies & Rentals 08.07.2013 - 31.07.2013 | 31.07.2013 | Rent/076675 | 844 | | | |
| 43 | Image Systems | €80.72 | €80.72 | | D | Copies & Rentals 08.07.2013 - 31.07.2013 | 31.07.2013 | Rent/076676 | 844 | | | |
| 44 | TACC Trading Co Ltd | €95.00 | €95.00 | | D | microwave for Adm Office | 02.09.2013 | 01769 | 845 | | | |
| 45 | Gżira Local Council | | | | | Honoraria & Wages | | | | | | |
| 46 | Gżira Local Council | | | | | C.I.R. | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€265.41** | **€265.41** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€30,743.96** | **€30,149.99** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€31,009.37** | **€30,415.40** | | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier